# REPEALS DAY

**Professur Kevin Aquilina**
Dekan,
Fakultà tal-Liġi
Università ta' Malta

27 ta' Ottubru 2014

UNIVERSITY OF MALTA
L-Università ta' Malta

# IL-LIĠI U S-SOĊJETÀ

- Il-liġi tirregola l-ħajja tal-bniedem minn qabel ma jitwieled sa wara mewtu
- Il-liġijiet jirriflettu s-soċjetà li ngħixu fiha
- Minn żmien għal żmien, iżda, jinħass il-bżonn ta' liġijiet ġodda u ta' liġijiet li jemendaw liġijiet eżistenti

UNIVERSITY OF MALTA
L-Università ta' Malta

# KIF INHI MAQSUMA L-LIĠI

Il-Liġijiet ta' Malta jinqasmu fi tnejn:

- **liġijiet primarji**
- **liġijiet sussidjarji**

# IS-SISTEMA LEGALI MALTIJA

- Il-liġijiet tagħna jiġu mogħtija numru u rranġati f'Kapitli
- Dan in-numru jingħata kronoloġikament, dejjem skont id-data ta' meta tkun saret dik il-liġi
- Illum il-ġurnata għandna 536 kapitlu ta' liġijiet fil-Ktieb tal-Liġijiet ta' Malta

# LIĠIJIET ANAKRONISTIĊI

- Il-piena kapitali fil-Kostituzzjoni
- Minkejja li l-piena kapitali tneħħiet fuq bażi ta' *policy* u anke minn numru ta' liġijiet, xorta għadha tissemma' fil-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ogħla liġi tal-pajjiż

# EŻEMPJI TA’ LIĠIJIET ORDINARJI ANAKRONISTIĊI

- Il-Liġi dwar it-Tneħħija tal-Jedd ta’ Rifuġju fi Knejjes (Kapitlu 2)
- L-Ordinanza dwar il-Bejgħ ta’ Ċereali (Kapitlu 8)
- L-Ordinanza dwar il-Projbizzjoni ta’ Esportazzjoni ta’ xi Oġġetti (Kapitlu 24)
- L-Ordinanza dwar il-Piżaturi Pubbliċi (Kapitlu 42)
- L-Att dwar l-Inkuraġġiment ta’ Industriji Ġodda (Kapitlu 53)

## IL-LISTA TKOMPLI…

- L-Ordinanza dwar it-Tqassim tal-Propjetà tal-Għadu Ġermaniż (Kapitlu 132)
- L-Att dwar l-Imposta fuq Kontijiet għall-Portatur (Kapitlu 219)
- Disa’ atti tal-Parlament dwar l-Implimentazzjoni tal-Budget

# REVIŻJONI KOMPRENSIVA TAL-LIĠIJIET

- Ikun hemm bżonn li kull ċertu żmien il-liġijiet jiġu riveduti b'mod komprensiv

- Ċerti anakroniżmi jitneħħew, oħrajn jiġu konsolidati f'liġijiet oħrajn u oħrajn jinkitbu mill-ġdid għax ikunu servew l-iskop li għalihom ikunu saru

# LIĠI LI TKUN SARET GĦAL ŻMIEN QASIR

Eżempju ċar ta' liġi li tkun saret għal perjodu qasir ta' żmien hija l-liġi li timplimenta l-*budget* li jiġi approvat ta' kull sena mill-Parlament.

Kull sena, il-Parlament jgħaddi Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Miżuri tal-*Budget*. Meta dak l-Att jiġi fis-seħħ kollu kemm hu, ma jkunx hemm il-bżonn li jinżamm bħala Kapitlu fil-Liġijiet ta' Malta.

# ANALIŻI TAL-LIĠIJIET EŻISTENTI

- li huma anakronistiċi
- li ġew implimentati u m'għadx hemm aktar skop għalihom
- li jikkontradixxu lil xulxin
- li minkejja li jkunu għaddew mill-Parlament, qatt ma jkunu nġabu fis-seħħ

...

# ANALIŻI TAL-LIĠIJIET EŻISTENTI

- li jikkozzaw mal-ligi tal-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jew xi trattat ratifikat minn Malta

- li jistgħu jiġu faċilment konsolidati f'liġijiet oħrajn biex in-numru ta' liġijiet jonqos drastikament, ikunu aktar *manageable* u jkunu aktar komprensivi fil-materja li jirregolaw

...

# ANALIŻI TAL-LIĠIJIET EŻISTENTI

- li huma ta' piż fuq is-soċjetà Maltija in kwantu jgħabbu lill-amministrazzjoni pubblika b'xogħol u spiża żejda biex jiġu amministrati filwaqt li jġibu frustrazzjoni lil dawk il-persuni, kumpaniji, u assoċjazzjonijiet li jkollhom bżonn jużawhom għax ikunu marbuta bihom

- Li ġieli l-istil li bihom ċerti liġijiet jinkitbu tant ikun wieħed tqil li bil-kemm wieħed jifhem x'suppost qed jiġi regolat

UNIVERSITY OF MALTA
L-Università ta' Malta

# VANTAĠĠI TAR-*REPEALS DAY*

- tonqos il-burokrazija
- l-amministrazzjoni pubblika tkun tista' tiffoka aktar fuq il-ħidma ċentrali tagħha - dak li tipprovdi servizz fil-pront u tajjeb liċ-ċittadin - milli toqgħod tinħela f'ħafna proċessi u proċeduri inutli u li ftit li xejn hemm aktar ħtieġa għalihom
- l-ispiża tal-iggvernar tonqos kemm finanzjarjament kif ukoll f'termini ta' riżorsi umani
- il-liġi tkun tista' tinftiehem aħjar minn dawk in-nies li tkun indirizzata għalihom

## VANTAĠĠI OĦRAJN...

- in-numru ta' liġijiet jonqsu u dawk eżistenti jiġu rranġati skont is-suġġett u b'hekk ikunu aktar *user-friendly* għaċ-ċittadin
- liġijiet anakronistiċi li m'għadx fadal użu aktar għalihom ma jibqgħux fuq il-Ktieb tal-Liġijiet
- isir tindif tal-Ktieb tal-Ligijiet biex ikun aktar relevanti u anqas ikkumplikat għas-soċjetà tagħna tal-lum

# *SUNSET CLAUSE*

- Skont din il-klawsola, meta l-Parlament jgħaddi liġi, din il-liġi jkollha mhux biss id-data ta' meta tiġi fis-seħħ, imma anke d-data ta' meta dik il-liġi għandha tispiċċa

- Speċi ta' *best before date* fil-prodotti li nikkunsmaw

# SUNSET CLAUSE VANTAĠĠI

- iġġiegħel lill-amministrazzjoni pubblika tippjana sew fit-tul

- ma tħallix f'idejn minn għandu jimplementa dik il-liġi li jiddeċiedi meta dik il-liġi għandha tiġi implimentata fit-totalità tagħha imma jkun il-Parlament stess li jiffissa *time-lines* għat-twettiq ta' dik il-liġi mill-amministrazzjoni pubblika u b'hekk jiddeċiedi f'kemm żmien l-amministrazzjoni pubblika għandha timplimenta dik il-liġi

- meta dik il-liġi tkun laħqet l-iskop tagħha ma tibqax aktar fuq il-Ktieb tal-Liġijiet sakemm il-Parlament ma jagħżilx li jerġa' iġeddidha. Hekk kien isir fil-passat fil-każ tal-Att dwar id-Djar

## VANTAĠĠI OĦRA...

- jekk il-Parlament jagħżel li jġedded dik il-liġi, huwa jkun irid jingħata raġunijiet serji mill-amministrazzjoni pubblika għalfejn dik il-liġi ma gietx implementata fit-totalità tagħha u l-Parlament ikollu s-saħħa li jiffissa dati ġodda sakemm dik il-liġi tibqa' fis-seħħ

- peress li l-liġi jkollha terminu sa meta għandha tibqa' fis-seħħ, il-Ministeru tal-Finanzi jkollu stampa aktar ċara sa meta se jkollu jkompli bl-implimentazzjoni ta' dik il-liġi, implimentazzjoni li naturalment ikollha impatt finanzjarju

UNIVERSITY OF MALTA
L-Università ta' Malta

## AKTAR VANTAĠĠI…

- il-Gvern ikun jista' jiffissa *deadlines* li fihom ix-xogħol kollu li dik il-liġi tirrekjedi jkun jista' jitwettaq mid-dipartiment jew aġenzija tal-Gvern jew entità oħra tal-Gvern responsabbli għal dik l-implimentazzjoni

- tgħabbi b'aktar responsabilità lil min għandu jimplementa lil dik il-liġi

# IS-*SUNSET CLAUSE* MHUX DEJJEM TAPPLIKA

- Is-*sunset clause* ma tapplikax għal-liġijiet kollha
- Ċerti liġijiet li ma jistgħux ikunu soġġetti għal din it-tip ta' klawsola għax huma liġijiet permanenti
- Il-Kostituzzjoni hija l-aktar eżempju ċar
- Liġijiet oħrajn jinkludu: l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u l-Att dwar ir-Referendi

# GĦADDA SEW IŻ-ŻMIEN MILL-AĦĦAR EŻERĊIZZJU TA' REVOKA TA' LIĠIJIET

- Ilu ħafna ma jsir proċess wieħed sistematiku li jitneħħew liġijiet li spiċċa l-iskop tagħhom

- Attentat simili kien sar fl-1977, sebgħa u tletin sena ilu, meta l-Parlament għadda l-Att Numru XI tal-1977 magħruf bħala l-Att li Jemenda u Jħassar Liġijiet

- Tant għadda żmien minn dak in-nhar li hemm bżonn urġenti li jerġa' jsir dan l-eżerċizzju. Dan l-eżerċizzju issa sar u minnu se tibbenefika s-soċjetà kollha Maltija

UNIVERSITY OF MALTA
L-Università ta' Malta

# REPEALS DAY